MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 61

16 ta' Awwissu 2016

Minuti tas-seduta Nru. 61 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 16 ta' Awwissu 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-minuti tas-seduta Nru. 60 li saret fil-25 ta' Lulju 2016 kienu approvati mingħajr emendi u għaldaqstant ġew iffirmati u kien hemm qbil li għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Jum il-Kunsill u l-Iljieli Melleħin 2016 (A/5/3/1/Vol XVI) (A/5/3/5/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuti 7.1. u 8.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attivitajiet imsemmija, li seħħew bejn it-28 u l-31 ta' Lulju 2016. Huwa qal li kien hemm kummenti sbieħ mill-I*speaker* tal-Kamra tad-Deputati l-Onor. Anglu Farrugia, dwar l-organizzazzjoni u s-sinifikat tas-serata li fiha ġew pprezentati l-onorefiċenzi.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ssuġġerixxa li l-edizzjoni li jmiss ser issir l-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017 u tkun taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru u għalhekk għandha ssir stedina bikrija biex il-possibiltà li din tiġi aċċettata tkun ikbar.

2.1.4. Dwar l-Iljieli Melleħin, is-Sur Buttigieg kkummenta li kien hemm konkorrenza numeruża mill-pubbliku fit-tliet iljieli, u li b'mod ġenerali dawn imxew kif kien ippjanat, apparti l-kunċert tal-Ġimgħa 29 ta' Lulju f'Misraħ il-Parroċċa. Huwa qal li dan dam ma beda minħabba problema teknika.

2.1.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li minkejja illi fil-bidu kien maħsub li l-apparat tal-audio ma setax jiffunzjoni minħabba vultaġġ baxx tal-elettriku min-naħa tal-Enemalta, iżda minn testijiet li saru mill-ħaddiema tal-Enemalta li ssejħu fuq il-post, irriżulta li dan kien normali u l-problema kienet min-naħa tal-apparat tal-kuntrattur inkarigat.

2.1.6. Hawnhekk, is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill jixtieq juri l-apprezzament tiegħu lill-ħaddiema tal-Enemalta, kif ukoll is-Sur Tonio Caruana li kienu strumentali biex il-problema ġiet solvuta.

2.1.7. Is-Sur C. Bartolo kkummenta li b'riżultat tal-konkorrenza, l-attività kummerċjali li ġiet iġġenerata kienet waħda sostanzjali. Kompla jgħid li l-introduzzjoni ta' palkijiet matul it-toroq ewlenin intlaqgħed tajjeb, peress li kien hemm attrazzjonijiet biżżejjed biex in-nies tinfirex. Huwa qal li jixtieq jirringrazzja lill-impjegati tal-Kunsill u tad-District Operations Ltd, għas-seħem tagħhom biex dawn iż-żewġ avvenimenti kienu suċċess.

2.1.8. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għaż-żjara li saret mis-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – li sfortunatament ma setax jattendi għal Jum il-Kunsill. Minkejja dan, huwa attenda għall-attivitajiet tal-Iljieli Melleħin u fil-31 ta' Lulju huwa ġie ppreżentat tifkira fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju tal-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau.

2.1.9. Il-Viċi Sindku ppropona li l-edizzjoni li jmiss tal-Iljieli Melleħin taħbat l-għaxar waħda tkun bejn il-Ħamis 27 u l-Ħadd 30 ta' Lulju 2017, li tibda b'attività fil-Manikata.

2.1.10. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa skont il-minuti 2.1.3. u 2.1.5.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 12/08/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 22/07/16– 10/08/16
- Skeda ta' Pagamenti – 23/07/16 – 12/08/16;
- Ittra ta' Direzzjoni mill-Udituri – Sena Finanzjarja 2015;
- Abbozz ta' tweġiba għall-Ittra ta' Direzzjoni;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Ipparkjar fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi k/m Triq ir-Rattan (T/3/2/Vol XIV)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Lulju 2016, fejn is-Sur Kevin Grech ilmenta li minkejja li saru linji sofor doppji fuq iż-żewġ naħat tal-garaxx tiegħu f'Nru. 176, qed jilmenta li xorta waħda għandu problema biex jimmanuvra l-vetturi tiegħu biex jidħol fl-istess fond. Huwa għaldaqstant għamel il-briks fit-triq biex ma jipparkjawx fil-kantuniera, liema briks kellu jneħħihom wara li ġie mitlub jagħmel hekk mill-Pulizija. Għaldaqstant, issa qed jitlob li l-linji sofor jiġu mtawwla u jinkludu l-kantuniera.

4.1.3. Wara li l-Kunsill ħa in konsidrazzjoni li hemm *splay* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi kantuniera ma' Triq ir-Rattan, kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex isir il-linji sofor mitluba.

### 4.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq it-Trill (T/3/2/Vol XIV)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Lulju 2016 mibgħut minn Ms Amanda Pocock, fejn talbet li jsiru *speed humps* fi Triq it-Trill, minħabba li hemm tendenza li s-sewwieqa jgħaddu minnha b'veloċità qawwija.

4.2.3. Il-Kunsill iddeċieda li fi Triq it-Trill m'hemmx lok li jiġu ntrodotti l-miżuri msemmija peress li it-triq hija dejqa u mhux twila.

### 4.3.1. Konġestjoni ta' traffiku f'Dawret it-Tunnara (T/3/2/Vol XIV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Lulju 2016, mibgħut mis-Sur Vincent Desira, sabiex Dawret it-Tunnara, bejn Triq il-Marfa u Triq it-Trill, issir *one-way* peress li ma tippermettix li jkun hemm ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tagħha u bi traffiku għaddej fiż-żewġ direzzjonijiet.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex issir sistema ta' *one-ways* kif ġej:

- Triq il-Qarnit issir *one-way* fid-direzzjoni ta' Triq is-Sajjieda;
- Triq is-Sajjieda ssir *one-way* fid-direzzjoni ta' Dawret it-Tunnara;
- Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill issir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq it-Trill; u
- Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq il-Marfa tibqa' *two-way*.

**4.4.1. *Pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XIV)**

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Lulju 2016, mibgħut mis-Sur Robert Cassar fejn talab li l-*pedestrian crossing* ta' Triq il-Marfa, qrib Sqaq Stejfen tkun indikata permezz ta' *pelican lights*, minħabba li hija wżata ħafna mill-pubbliku.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba għandha titressaq għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex jevalwaw il-ħtieġa li jsiru l-*pelican lights*.

**4.5.1. Periklu fi Triq ir-Rattan (T/3/2/Vol XIV)**

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 31 ta' Lulju 2016, mibgħut mis-Sur Roderick Duca, fejn ġibed l-attenzjoni li l-wiċċ ta' Triq ir-Rattan, bejn Triq il-Fortizza u Misraħ tas-Salib, spiss ikun jiżloq u għaldaqstant talab li dan jinbarax. Intalab ukoll li l-istess parti tat-triq issir *one-way,* peress li ma tippermettix traffiku f'direzzjonijiet opposti u pparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tagħha.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li jeżistu diversi toroq fil-lokalità li jippreżentaw l-istess sitwazzjonijiet u għalhekk mhux possibbli li dawn jinbarxu kollha. Il-periklu msemmi jista' jkun kaġun ukoll minn nuqqas ta' prudenza fis-sewqan.

4.5.4. Kien hemm qbil ukoll li l-introduzzjoni ta' *one-way* fi Triq ir-Rattan ma tistax tiġi kkunsidrata waħedha, iżda f'sistema sħiħa li tinkludi t-toroq tal-madwar. Wara li l-Kunsill ħa in konsiderazzjoni dan l-aspett, kien tal-fehma li toroq bħal Triq iż-Żnuber, Triq il-Barrada m'humiex addattati għall-kwantità ta' vetturi li jgħaddu minn Triq ir-Rattan, billi tal-aħħar isservi ta' ħolqa diretta bejn iż-żona Ta' Masrija u Triq il-Kbira.

**4.6.1. Kors tal-kompjuter li jwassal għall-ECDL (E/3/1/9/Vol IV)**

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Awwissu 2016 fejn id-ditta TCTC Ltd ipproponiet li f'Novembru 2016 tibda kors tal-ECDL fl-uffiċċju tal-Kunsill. Dan ikun jikkonsisti fi tmien sessjonijiet ta' tliet siegħat il-waħda, filwaqt li l-eżami jsir fi tmiem-il kors ikun fl-istess post. Apparti l-użu tal-post, il-Kunsill ma jkunx jinvolviħ ebda spiża, iżda biex din l-inizjattiva tkun vijabbli jeħtieġ li jkun hemm mill-inqas tmien applikazzjonijiet.

4.6.3. Il-Kunsill inkariga lill-Kunsillier P. Cutajar sabiex jara jekk jeżistux korsijiet simili minn ditti oħra.

**4.7.1. Inċident fi Triq il-Padrun (D/5/Vol II)**

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Awwissu 2016, mibgħuta mis-Sinjura Mary Lewington, fejn għarrfet li qasmet żewġ *tyres* ta' karozza tal-kiri, meta kienet qed tipparkja fi Triq il-Padrun. Il-ħsara li tammonta għal €300 kienet ikkawżata permezz ta' virga tal-ħadid li kien hemm eżatt mal-kurduna tal-bankina. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li t-talba ma kinitx akkumpanjata bir-rapport tal-Pulizija.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma sar ebda xogħol f'din it-triq mill-istess Kunsill minn meta saret għall-ewwel darba minn Transport Malta.

**4.8.1. Mina tal-ilma tax-xita fl-Għajn tal-Mellieħa (R/2/3/Vol II)**

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Lulju 2016, mibgħuta mis-Sur Bertu Vella, fejn talab li ssir gradilja tal-ħadid fil-bokka tal-mina għall-ilma tax-xita fl-Għajn tal-Mellieħa. Din sabiex tilqa' l-iskart li jinġarr mill-ilma tax-xita, bħal fliexken tal-plastik eċċ, u hekk ma jispiċċax fil-wied.

4.8.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta u talab li tinkiseb stima tal-ispiża nvoluta.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Awwissu 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-23 ta' Lulju u it-12 ta' Awwissu 2016. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-22 ta' Lulju u l-10 ta' Awwissu 2016.

6.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-pagament Nru. 021-08-16 u talab li dan jinżamm, peress li d-dokumentazzjoni relattiva għadha ma ġietx mgħoddija lill-Kunsill.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi bl-eċċezzjoni tal-pagament 021-08-16.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

***"Billi skada l-kuntratt li jipprovdi għall-istampar tal-magazin li jippubblika l-Kunsill minn żmien għal żmien, mal-kuntrattur Gutenberg Press Ltd, skada;***

***Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 8/2016) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, sabiex jingħata servizz ta' iddisinjar, setting u stampar tan-newsletter "Mill-Qiegħa" flimkien mal-magazin għat-tfal, kif ukoll dwar illegar ta' dokumenti;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 2970; u***

***Billi fis-Seduta Nru. 60 tal-25 ta' Lulju, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-Salander Group Ltd, sakemm id-dokumentazzjoni kollha mitluba fid-dokument tal-offerta tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-istess dokument;***

***Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lid-ditta msemmija, skont il-prezzijiet mogħtija fil-bill or quantities anness mad-dokument ta' l-offerta, bil-għan li jiġi iffirmat kuntratt ta` tliet snin, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2016 sabiex jiġi pprovdut is-servizz in kwistjoni.". (P/3/2/Vol IV)***

7.1. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 9.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li ttieħed parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti rigward is-sottomissjoni ta' tagħrif rigward ir-rimunerazzjoni tal-impjegati mingħand l-offerent Salander Group Ltd, fil-forma mitluba fid-dokument tal-offerta. Salander Group Ltd għaddew din l-informazzjoni u d-dokument ġie muri lill-Kunsill.

7.2. Tressaq ukoll kampjun ta' żewġ perjodiċi li jiġu ssettjati u stampati minn Salander Group Ltd.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo, u għaldaqstant l-evalwaturi appuntati fuq din is-sejħa ġew mitluba jiffinalizzaw il-proċess permezz tal-e-PPS.

**8.1. Użu tal-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)**

8.2. Is-Sindku għarraf li fl-4 ta' Awwissu 2016, huwa flimkien mas-Segretarju, iltaqa' mas-Sur Joe Attard, il-Kap Eżekuttiv ta' Green MT Ltd, fejn ġew diskussi soluzzjonijiet possibbli dwar l-użu ħażin tal-*bring-in sites*. Is-Sur Attard aċċenna wkoll li spiss il-kontenut tal-konténituri jkollu

jintrema mal-iskart imħallat, peress li jiġi kontaminat. Huwa qal li Green MT Ltd ilha diversi snin taffaċċja dawn il-problemi u ppruvat tegħlibhom permeżż ta' *CCTV cameras* f'diversi lokalitajiet, inkluż fil-Mellieħa, iżda dan ma ħalliex ir-riżultati mixtieqa.

8.3. Fid-dawl ta' dan, is-Sur Attard esprima li ma jara ebda diffikultà jekk l-iskart riċiklabbli jinġabar minn żoni urbani bieb-bieb, permezz tal-i*scammel* darbtejn fil-ġimgħa, filwaqt li l-ħġieġ jinġabar bl-istess mod darbtejn fix-xahar, minflok darba. Dwar tal-aħħar, huwa rrakkomanda wkoll li jsir kuntatt individwali mal-operaturi ta' stabbilimenti li jbiegħu x-xorb sabiex tinħoloq sistema li permezz tagħha jinġabar il-ħġieġ minn dawn il-postijiet, peress li normalment dan qed jispiċċa jmur mal-iskart imħallat.

8.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-*bring-in sites* eżistenti fi Triq Qasam Barrani u fi Triq l-Etna għandhom jitneħħew u jibqa' dik biss ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, li għandha titressaq lejn in-naħa ta' fuq tal-parkeġġ. L-intenzjoni tal-Kunsill hija li gradwalment il-*bring-in sites* fiż-żona urbana jispiċċaw kollha u s-servizz jibda jingħata bieb-bieb, kif isir fil-każ tal-iskart imħallat. Il-Kunsill qabel ukoll li biex ir-residenti jkunu nfurmati b'dan il-pass, għandhom jitwaħħlu tabelli fil-*bring-in sites* li ser jispiċċaw l-ewwel, li jindikaw id-data meta dawn ikunu ser jitneħħew għal kollox.

## 9.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

9.2. Is-Sindku għarraf li fit-8 ta' Awwissu 2016 huwa attenda laqgħa mas-Sur Michael Cohen minn Transport Malta, is-Sinjuri Roderick Caruana u Joseph Fenech mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, li għaliha attendew ukoll il-Viċi Sindku C. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa ġiet spjegata l-pożiżżjoni tal-Kunsill dwar il-proposta li Triq il-Biedja u Triq il-Wilġa jsiru *one-ways*, kif ukoll l-oġġezzjonijiet tar-residenti fi Triq il-Mejjiesa għal bdil ta' din it-triq u Sqaq Ħarruba f'waħda ewlenija. Ġie spjegat li fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill qed jinsisti li bħala miżura *short term* għandha titwessa' Triq il-Manikata. It-tieni alternattiva *short term*, hija l-introduzzjoni ta' *traffic lights* li jalternaw id-direzzjoni tat-traffiku fl-aktar parti dejqa ta' Triq il-Manikata.

9.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-awtoritajiet ċentrali qed jipproponu li Triq il-Wilġa, Triq il-Manikata u Triq il-Biedja jsiru *one-ways*, liema pożiżżjoni kien hemm oġġezzjoni għaliha min-naħa tal-Kunsill, minħabba r-rotta tal-karozzi tal-linja u l-bdiewa li għandhom raba biswit l-istess toroq. Kompla jgħid li kemm-il darba tibqa' issir insistenza f'din id-direzzjoni, huwa lest li jipproponi referendum fost ir-residenti tal-Manikata. L-uffiċjali msemmija kellhom jiddiskutu l-pożizzjoni quddiem bord fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura.

9.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm fuq din il-materja.

## 10.1. Proġett – *Small Markets at the Heart of the European Economy* (P/10/25)

10.2. Is-Segretarju aċċenna li l-proġett imsemmi jirrikjedi ċertu ammont ta' preparazzjoni, inkluż sejħiet għall-offerti illi jkun jeħtieġu numru ta' ġimgħat biex jiġu pproċessati u għaldaqstant, ikun tajjeb jekk jinbdew it-tħejjijiet minn kmieni.

10.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li qed jinħarġu l-ittri lill-imsieħba kollha f'dan il-proġett bil-għan li jiġi stabbilit in-numru ta' parteċipanti. Huwa ppropona wkoll li kontra dak li sar fi proġett simili *(Bringing the EU Closer to the Local Communities),* is-servizzi meħtieġa għandhom jinqasmu fuq numru ta' fornituri għalkemm forsi xorta waħda jkun meħtieġ li jsiru sejħiet għall-offerti.

10.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 11.1. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) – Sena Finanzjarju 2015 (F/1/2/Vol IX)

11.2. Is-Segretarju rrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2015, kif ukoll għall-abbozz tat-tweġiba mħejjija minnu, liema dokumenti ntbagħtu lil kull kunsillier qabel is-seduta.

11.3. Is-Sur C. Debono qal li l-iktar punti notevoli illi m'humiex ta' natura teknika fl-ittra ta' direzzjoni, kienu jirrigwardaw il-punti li ġejjin:

(a) Paragrafu 4.1 – Servizzi li ngħataw f'perjodu ta' anqas minn erba' xhur lil fornituri ndikati fl-ittra ta' direzzjoni;

(b) Paragrafu 4.2. – Ħlasijiet li saru qabel ġiet approvata l-Iskeda tal-Pagamenti relattiva;

(c) Paragrafu 4.3 - Nefqa fuq l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill mhux skont il-linji gwida stabbiliti fil-Memos 122/2010, kif emendata 8/2011;

(d) Paragrafu 4.4 - L-iskadenza tal-kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq;

(e) Paragrafu 4.5. – Donazzjoni biex ġiet attrezzata s-Sala tal-Komunità fl-Iskola Primarja

(f) Paragrafu 5.2 – Valur tal-assi koperti bil-poloz tal-assikurazzjoni; u

(g) Paragrafu 9.2. – Nefqa fuq Tiswijiet ta'Dwal tat-Toroq u fil-Ġbir tal-Iskart Imħallat li kienet teċċedi l-vot li kien hemm fl-Estimi 2015, mingħajr ma sar aġġustament tal-istess estimi.

11.4. Is-Sur C. Debono rrefera li s-servizzi illi saret referenza għalihom fil-Paragrafu 4.1. kienu jinvolvu ħlasijiet li jidhru hawn taħt:

| **Fornitur** | **Servizz** | **Somma totali** | **Xhur li fihom ingħata s-servizz** |
|---|---|---|---|
| TCTC Ltd | Korsijiet tal-Kompjuter | €2,300 | Frar'15 / Lulju'15 |
| In Media Marketing | Iffilmjar ta' attivitajiet tal-Kunsill | €3,599 | Awwissu'14/ Diċembru'14/Lulju'15 |
| Għaqda Mużikali Imperial | Servizzi mużikali | €2,300 | Marzu'15/Ġunju/'15/ Awwissu'15/Settembru' 15/Diċembru'15 |

11.5. Rigward il-Paragrafu 4.2, ġie spjegat li, apparti pagament li sar lid-ditta Eco Pure Ltd għax-xiri ta' ilma tax-xorb għall-uffiċċju, iż-żewġ ħlasijiet l-oħra kienu jinvolvu lill-MITA u lid-Direttorat għat-Tagħlim Tul-il Ħajja, li t-tnejn huma istituzzjonijiet governattivi li kellhom jsiru minħabba data ta' skadenza li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqha.

11.6. Is-Sur C. Debono rrefera għal-Paragrafu 4.3 u qal li l-memos 122/2010 u 8/2011 qed jiġu nterpretati persistentement b'modd skorrett fir-rigward ta' Jum il-Kunsill, fis-sens li dawn jirrigwardaw spejjeż li jsiru fuq attivitajiet soċjali. Fl-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2015 anqas biss ma kien hemm l-ebda tqassim ta' ikel u xorb.

11.7. Is-Segretarju aċċenna għall-Paragrafu 4.4 u kkummenta li fl-opinjoni tiegħu dawn ma' kellhomx jiġu nklużi fl-ittra ta' direzzjoni ndirizzata lill-Kunsill, iżda lill-Kumitat Reġjonali tat-Tramuntana. Is-Sur C. Debono tenna li l-Artiklu 19 tal-Avviż Legali 320/2011 jagħmilha ċara li l-għoti ta' kuntratt dwar il-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq hija waħda mill-funzjonijiet tal-Kumitat Regjonali, filwaqt li ma tidhirx taħt l-Artiklu 33 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, fejn hemm elenkati l-funzjonijiet kollha konferiti lill-Kunsilli Lokali.

11.8. Dwar il-Paragrafu 4.5 li jittratta d-donazzjonijiet, il-Kunsill ġie mfakkar li dejjem kienet il-prassi illi l-Kunsill jgħin fl-attrezzi tas-Sala Professur Godfrey Wettinger, li tintuża mill-komunità għal attivitajiet kulturali u edukattivi, kif ukoll għal-laqgħat informattivi fuq bażi reġjonali. L-investiment li sar dejjem kien wieħed modest, filwaqt li l-iskola hija proprjetà pubblika.

11.9. Dwar is-sezzjoni 5.2 li tinvoli l-assikurazzjoni, is-Segretarju spjega li minn dejjem kienet il-prassi li l-valur tat-toroq li ġew *resurfaced* jitħalla barra mill-poloż tal-assikurazzjoni, peress li r-riskju li dawn jiġu vandalizzati, misruqa eċċ ma jeżistix, filwaqt li kemm-il darba jġarrbu xi ħsara, eż:

kawża tal-elementi, ħsara maġġuri trid tagħmel tajjeb għaliha Transport Malta. Huwa qal ukoll li l-inklużjoni tal-valur imsemmi jinvolvi ħlas ta' *premium* ferm aktar għoli, mingħajr ħtieġa.

11.10. Fir-rigward tal-Paragrafu 9.2 dwar l-aġġustament tal-estimi, is-Segretarju fakkar li fis-seduta Nru. 41 tal-10 ta' Awwissu 2015 kien hemm diskussjoni li, b'riżultat tagħha kien sar trasfiment ta' fondi mill-vot 7220 għal dak tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq – 3010. Ġie spjegat ukoll illi l-ispiża ndikata fin-*nominal ledger* dwar l-ġbir tal-iskart imħallat, illi l-udituri kkummentaw li ma kinitx koperta bl-Estimi 2015, fil-fatt kienet tirrifletti l-ammont li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jħallas direttament lill-WasteServ (Malta) Ltd. Billi l-estimi tal-Kunsill jiġu mħejjija *on cash basis*, m'hemmx il-ħtieġa li l-ammont involut jittieħed in konsiderazzjoni.

11.11. Wara diskussjoni fuq il-punti mressqa, il-Kunsill approva t-tweġiba għall-ittra ta' direzzjoni, skont l-abbozz imressaq.

**12.1. Innu tal-Mellieħa (K/2/10)**

12.2. Is-Sindku propona li flimkien mal-istemma u l-bandiera, għandu jkun hemm ukoll innu li jindaqq waqt attivitajiet li jiġu organizzati mill-istess Kunsill.

12.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li għandu jitwaqqaf kumitat apposta preseduti mis-Sindku J. Buttigieg, il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

**13.1. Titjib fit-taraġ bejn Triq il-Marfa u Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3/Vol II)**

13.2. Is-Sindku għarraf li l-*Contracts Manager* kien ħajja l-*bill of quantities* tax-xogħol meħtieġ u għalhekk ippropona li ssir sejħa għall-offerti sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

13.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li biex issir is-sejħa huwa jeħtieġ aktar dettalji dwar kif irid jitwettaq ix-xogħol, sabiex ikunu jistgħu jiġu nklużi fid-dokument tal-offerta. Huwa qal ukoll li ma kienx hemm stima tar-restawr meħtieġ, li ukoll hija meħtieġa tiġi murija fl-informazzjoni relatata mas-sejħa.

**14.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Anthony Fenech (P/3/5)**

14.2. Is-Segretarju għarraf li l-ispiża kollha biex ġie ppubblikat il-ktieb imsemmi ammontat €2,243.10. Sabiex il-Kunsill jirkupri l-ispejjeż, kull ktieb irid jinbiegħ €11.24.

14.3. Is-Sindku kkummenta li ċertament mhux ser ikun hemm daqshekk nies li jixtru ktieb ta' poeżija b'dak il-prezz u għalhekk għandu jkun hemm prezz issusidjat.

14.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-prezz għandu jkun wieħed sussidjat ta' €6.00.

14.5. Kien hemm qbil ukoll li l-awtur għandu jingħata għoxrin kopja mingħajr ħlas.

**15.1. Armar ta' *tower crane* fi Triq il-Fortizza k/m Triq in-Nasses (A/6/3/1/Vol 105)**

15.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba verbali mill-kuntrattur involut fil-binja konfinanti minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq il-Fortizza u Triq in-Nasses. L-iżviluppatur talab li jispostja wieħed mit-*tower cranes* minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għal Triq il-Fortizza kantuniera ma' Triq in-Nasses minn nofs Settembru 2016 sal-aħħar ta' Jannar 2017.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm it-triq ma tingħalaqx u jsiru tabelli u dwal għal matul il-lejl.

**16.1. Introduzzjoni ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)**

16.2. Is-Sindku rrefera għall-kummenti li kien hemm fuq il-media soċjali u petizzjoni li għaddejja onlajn dwar ir-*rumble strips* li saru fi Triq il-Kbira, bejn Triq in-naħal u Triq Snajjin. Is-Sur J. Buttigieg qal li meta ġiet ordnata l-implimentazzjoni ta' din il-miżura, kien hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll dik ta' Transport Malta. Il-kuntrattur konċernat u Transport Malta, ikkonfermaw

li dawn saru skont l-ispeċifikazzjonijiet addottati mill-istess awtorità, kif ukoll li saru oħrajn bħalhom f'lokalitajiet oħra. Huwa qal li kien konxju tal-fatt illi saru lmenti li r-*road holding* tal-vetturi tnaqqset drastikament, partikularment fil-karreġġjata lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa. Raġuni oħra li wasslet għal din is-sitwazzjoni hija li r-*rumble strips* saru fil-kurva tat-triq. Din is-sitwazzjoni tista' tiggrava, kemm-il darba l-veloċità tkun għola minn dik permessibbli f'din it-tip ta' triq. Huwa għalhekk qal li jistgħu jsiru *roundels* illi jfakkru lis-sewwieqa li l-veloċità massima hija 35 kilometru fis-siegħa.

16.3. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta li għalkemm l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett, id-deċiżjoni kienet li għandu jintalab il-parir ta' Transport Malta dwar l-introduzzjoni tar-*rumble strips*, u mhux li dawn isiru. Huwa fakkar li fl-laqgħa li saret ma' uffiċjal ta' Transport Malta, fejn tqanqal dan is-suġġett, fejn kien hemm qbil li l-istess awtorità kellha tagħti l-permess lill-Kunsill sabiex isiru *roundels* li jindikaw veloċità ta' 35 kilometru fis-siegħa, matul Triq il-Kbira. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li r-*rumble strips* li saru fil-kurva għandhom jersqu aktar lura biex jiġu fil-parti d-dritta tat-triq, bħal dawk li saru qrib il-kantuniera ma' Triq Snajjin.

16.4. Is-Sindku wieġeb illi mhux aċċettabbli li wieħed jallega li l-Kunsill ma kienx ikkonsultat, meta l-approvazzjoni ta' Transport Malta dehret fuq l-Iskeda tal-Korrispondenza li tiġi ppreżentata qabel kull seduta. Apparti dan, il-prassi dejjem kienet li sakemm id-direzzjoni mogħtija minn Transport Malta tkun skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ix-xogħol involut jiġi ordnat mill-ewwel. Is-Sur J. Buttigieg qal li personalment ser jibqa' isegwi din il-materja permezz ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti u anke jsiru t-testijiet dwar l-istat attwali f'dak li jirrigwarda s-sigurtà fil-parti tat-triq in kwistjoni.

## 17.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qortin (T/4/12/Vol II)

17.2. Is-Sindku għarraf li qed issir pressjoni sabiex jiġi mtejjeb il-*culvert* eżistenti fi parti ta' ġewwa ta' Triq il-Qortin, peress li meta tagħmel ħafna xita f'daqqa tifforma għadira u l-ilma jidħol fi *drive-in* ta' villa partikulari. Huwa għalhekk talab il-parir tal-*Contracts Manager*, li min-naħa tiegħu għamel stima li tammonta €49,841.51.

17.3. Issemmiet il-possibilità li jsir użu mill-mina tad-drenaġġ biex fiha jitqiegħdu l-katusi u hekk il-culvert eżistenti jkun jista' jitħalla u ma jitħaffrux trinek.

17.4. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun jista' isir intervent mill-*Contracts Manager* – il-Perit J. Attard. Huwa spjega li l-istima tkopri it-tneħħija tal-katusi eżistenti, tqegħid ta' oħrajn ehxen, tqegħid fi trinka aktar wiesa' u reinstatement tal-wiċċ it-triq. Huwa spjega li d-daqs tal-katusi inħadem fuq l-ammont ta' xita li ġiet reġistrata fuq numru ta' snin.

17.5. Minħabba l-ispiża nvoluta, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu studjati l-alternattivi kollha fattibbli bl-inqas spiża possibbli.

## 18.1. Inkonvenjent qrib stabbilimenti li jservu l-ikel u x-xorb (T/3/2/Vol XIV)

18.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li ġie kkuntattjat minn residenti ta' Triq il-Madonna tal-Għar u tal-parti t'isfel ta'Triq il-Kappillan Magri sabiex isiru tabelli li jappellew sabiex jinżamm il-kwiet tard bil-lejl.

18.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

## 19.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VI)

19.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa ta' kordinazzjoni li saret fit-8 ta'Awwissu 2016 mal-Pulizija tad-Distrett, flimkien mal-għaqdiet li huma nvoluti fil-festa, fejn ġew stabbiliti t-toroq li jeħtieġ jingħalqu għat-traffiku, kif ukoll l-ammont tal-Pulizija u Uffiċjali tal-Komunità biex l-arranġamenti meħtieġa jiġu mplimentati u nfurżati. Is-Sur J. Buttigieg qal li in segwitu ta' din il-laqgħa, ser issir oħra mal-uffiċjali konċernati minn Transport Malta u l-Malta Public Transport dwar is-servizz tal-karozzi tal-linja meta jingħalqu t-toroq.

19.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li flimkien mal-arranġamenti li ġew trattati fil-laqgħa msemmija fil-minuta 19.2, ikun hemm is-servizz tal-*park-and-ride* li jgħaqqad l-*area* tar-

roundabout ta' Selmun ma' Triq Qasam Barrani. Ippropona wkoll li jinġiebu *mobile toilets* fil-postijiet tas-soltu, flimkien mal-programm sħiħ tal-festi, li jitqassam fil-lukandi li jinsabu fil-lokalità. Issuġġerixxa wkoll li jsir *billboard* fit-telgħa ta' Selmun.

19.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 19.3.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**